## PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Ġuramentat Nru **903/2021 (AD)**

## L-AVUKAT MALCOLM MIFSUD (KI 405168M) U L-AVUKAT CEDRIC MIFSUD (KI 196979M)

**VS**

## IL-BORD TA' SORVELJANZA DWAR IS-SANZJONIJIET

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 12 ta' Mejju 2023**

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza finali dwar talba għal stħarriġ ġudizzjarju ta' azzjoni amministrattiva, ossia deċiżjoni tal-Bord ta' Sorveljanza dwar is-Sanzjonijiet (minn issa 'l quddiem ***"il-Bord konvenut"***), fil-konfront tal-Avukat Malcolm Mifsud u l-Avukat Cedric Mifsud (minn issa 'l quddiem ***"ir-rikorrenti"***), permezz ta' ittra datata 15 ta' Marzu 2021;

**Preliminari**

2. Permezz ta' rikors preżentat nhar l-għaxra (10) ta' Settembru 2021, **<u>ir-rikorrenti</u>** bil-ġurament tagħhom ippremettew:

a. *Illi permezz ta' ittra datata 29 ta' Settembru 2020 (Vide Dok. A), il-Bord ta' Sorveljanza dwar Sanzjonijiet bagħtet ittra lil Aegis Corporate Services Limited, soċjeta li hija 'Corporate Services Provider', li fiha allegat li l-imsemmi soċjeta pprovdiet servizzi lis-Sur Arkadiy Rotenberg, meta rreġistrat il-bastiment M/Y Rahil Bloemsma taħt il-bandiera Maltija. Is-Sur Rotenberg huwa milqut minn Sanzjonijiet ta'l-Unjoni Ewropeja. F'din l-ittra il-Bord ta' Sorveljanza Dwar Sanzjonijiet talbet lil Aegis Corporate Services Limited sabiex tagħti elenku tas-servizzi li pprovdiet lil Arkadiy Rotenberg u informazzjoni fuq il-proċeduri interni tagħha fuq 'sanction screening';*

b. *Illi fl-imsemmija ittra kien hemm iddikjarat ukoll li s-soċjeta Aegis Corporate Services Limited naqset milli tonora l-obbligi tagħha skond l-Artikolu 17(6) tal-Kap 365 (L-Att Dwar Poteri Li Jsiru Regolamenti fl-Interess Nazzjonali), peress prestat servizzi ta' registrazzjoni lill-bastiment M/Y Rahil li allegatament huwa tas-Sur Rotenberg li huwa milqut minn Sanzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropeja;*

c. *Illi Aegis Corporate Services Limited, permezz ta' Ittra datata 13 ta' Ottubru 2020 (Vide Dok. B), wieġbet li qatt ma pprovdiet servizzi lis-Sur Arkadiy Rotenberg u wisq inqas lill-bastiment M/Y Rahil Bloemsma. Provi ta' dawn il-fatti ngħataw lil Bord intimat;*

d. *Illi r-'resident agent' tal-bastiment, kien l-Avukat Cedric Mifsud. Illi peress li l-Avukat Cedric Mifsud huwa azzjonijista ta' hamsa u ghoxrin fil-mija (25%) fis-soċjeta' Aegis Corporate Services Limited, il-Bord ikkonkluda, b'mod erronju, li s-servizzi ingħataw mill-imsemmija soċjeta'. Minkejja dan b'spirtu ta' kooperazzjoni, s-socjeta Aegis Corporate Services Limited, apparti li ddikjarat li bħala kumpanija ma pprestiet l-ebda servizzi lil bastiment u lis-Sur Rotenberg, xorta tat*

*dettalji tal-proceduri interni tagħha għal dak li jirrelata 'sanction screening';*

e. *Illi peress li l-Avukat Cedric Mifsud, huwa direttur u azzjonista ta' Aegis Corporate Services Limited, u għalhekk kien konsapevoli mill-ittra datata 29 ta' Settembru 2020, huwa bagħat ittra, datata ukoll 13 ta' Ottubru 2020 (Vide Dok. C), fejn huwa ta spjegazzjoni dettaljata tas-segwenti:*

1. *Reġa' ta konferma li Aegis Corporate Services ma pprestat l-ebda servizzi lis-Sur Arkadiy Rotenberg u lill-bastiment M/Y Rahil Bloemsma;*

2. *Spjega li s-servizzi ta' registrazzjoni taħt il-bandiera Maltija u ta' 'resident agent' ngħataw mid-ditta legali fejn l-avukati fi hdan jezercitaw taħt l-isem ta' 'Mifsud & Mifsud Advocates';*

3. *Spjega li l-isem tal-bastiment li tiegħu huwa 'resident agent' huwa differenti minn dak indikat fl-ittra datata 29 ta' Settembru 2020, peress ir-registrazzjoni saret fil-konfront ta' M/Y Rahil u mhux M/Y Rahil Bloemsma. Il-Bord ta' Sorveljanza Dwar Sanzjonijiet ma għamlitx riferiment għan-numru IMO u għalhekk ma jistax jiġi kkonfermat li l-bastiment huwa l-istess;*

4. *Mid-dokumentazzjoni li l-Avukat Cedric Mifsud kellhu f'idejh, il-bastiment li rreġistra taħt il-bandiera Maltija u li għalih aġixxa bħala 'resident agent' ma kienx jippartjeni lil Arkadiy Rotenberg. Illi l-Avukat Cedric Mifsud pprovda dokumentazzjoni li juri l-bastiment M/Y Rahil kien propjeta tas-Sur Aleksander Kozlov. Id-dokumentazzjoni kollha relattiva dwar is-sid huwa hawnhekk anness u mmarkat bhal Dok. D;*

5. *Spjega li skond l-Artikolu 17(6) tal-Kap 365 (L-Att Dwar Poteri Li Jsiru Regolamenti fl-Interess Nazzjonali) biex wiehed jivverifika l-*

*elenki tan-Nazzjonijiet Magħquda, tal-Unjoni Ewropeja u tal-Bord, u jissorvelja d-databases dwar sanzjonijiet li jistghu jolqtu klijenti, wieħed l-ewwel ghandu jippresta servizz li jkun "attività rilevanti jew kummerċ finanzjarju rilevanti kif imfisser fir-Regolamenti kontra Money Laundering u Finanzjar ta' Terroriżmu". Illi a bazi ta' dan il-fatt l-Avukat Cedric Mifsud, qatt ma setgħa jkun konsidrat li ppresta servizzi ta'attivita rilevanti peress li:*

*(i) Meta saret ir-reġistrazzjoni tal-bastiment taħt il-bandiera Maltija s-Sur Arkadiy Rotenberg ma kienx milqut minn l-ebda sanzjonijiet;*

*(ii) Meta iżjed tard gew applikati sanzjonijiet fil-konfront tiegħu, is-servizzi li ngħataw kienu limitati għal ta' 'resident agent', skond id-definizzjoni tal-Leġislazzjoni Sussidjarja nru. 234.23, partikolarment Artikolu 7(1). Huwa spjega kif ir-rwol ta' resident agent ma taqax taħt id-definizzjoni ta' attivita rilevanti ghal finijiet ta' l-Artikolu 17(6) tal-Kap 365 (L-Att Dwar Poteri Li Jsiru Regolamenti fl-Interess Nazzjonali);*

*f. Illi l-Avukat Cedric Mifsud ta din l-informazzjoni għal finijiet ta' kompletezza għat-talbiet ta' informazzjoni li kienu qegħdin jiġu indirizzati fil-konfront ta' Aegis Corporate Services Limited. Wara li Aegis Corporate Services Limited irrispondiet għall-ittra tad-29 ta' Settembru 2020, kif ukoll saru rapprezentazzjonijiet minn Mifsud & Mifsud Advocates għal finijiet ta' kompletezza ta' informazzjoni, Il-Bord ta' Sorveljanza Dwar Sanzjonijiet qatt ma reġa talab informazzjoni oħra;*

*g. Illi l-Avukati li jezercitaw il-professjoni taħt l-isem ta' Mifsud & Mifsud Advocates, qatt ma kienu konsapevoli li kienu qegħdin jiġu investigati fuq xogħol li għamlu in rigward il-bastiment M/Y Rahil jew dwar suppost konnessjonijiet li dan il-bastiment seta' kellu ma' Arkadiy Rotenberg u li*

*konsegwentament seta kien bi ksur ta' l-Artikolu 17(6) tal-Kap 365 (L-Att Dwar Poteri Li Jsiru Regolamenti fl-Interess Nazzjonali);*

h. *Illi l-Avukati li jeżerċitaw il-professjoni taħt l-isem ta' Mifsud & Mifsud Advocates qatt ma ntalbu jagħmlu xi sottomissjonijiet in rigward servizzi li pprestaw huma stess u qatt ma ssejħu sabiex jagħmlu rappreżentazzjonijiet f'dan ir-rigward;*

i. *Illi permezz ta' ittra datata 15 ta' Marzu 2021 (vide Dok. E), il-Bord ta' Sorveljanza Dwar Sanzjonijiet bagħtet deċizjoni lil Mifsud & Mifsud Advocates (li m'hijiex entita legali) li biha mmultat lill-istess Mifsud & Mifsud Advocates is-somma ta' tmien mitt Euro (€800) għal ksur ta' l-Artikolu 17(6) tal-Kap 365 (L-Att Dwar Poteri Li Jsiru Regolamenti fl-Interess Nazzjonali);*

j. *Id-decizjoni għamlet referenza għall-ittra datata 13 ta' Ottubru 2020 b'risposta ghall-ittra tal-Bord datata 16 ta' Ottubru 2020. Illi kif ha jirrizulta mill-provi ma kien hemm l-ebda korrispondenza ma' Mifsud & Mifsud Advocates. Kif gia mtenni hawn fuq ma kien hemm l-ebda kommunikazzjoni bejn il-Bord u d-ditta legali;*

k. *Illi f'decizjoni tagħha il-Bord ta' Sorveljanza Dwar Sanzjonijiet sostniet li 'Mifsud & Mifsud Advocates' naqset meta m'għamlitx 'on-going monitoring' u 'enhanced due diligence' in rigward soċjeta' bl-isem ta' Medexlite, li skond il-Bord hija ta' Arkadiy Rotenberg. Illi l-Bord wasal għal din il-konklużjoni fuq il-premessa żbaljata li servizzi ta' 'resident agent' huma konsiderati bħala attivita' rilevanti skond ir-Regolamenti kontra Money Laundering u Finanzjar ta' Terroriżmu. Peress li s-servizzi ta' 'resident agent' ma jaqgħux taħt id-definizzjoni ta' attivita' rilevanti skond ir-Regolamenti Kontra Money Laundering u Finanzjar tat-Terroriżmu, hekk ukoll tali servizzi ma jinkwadrawx ruħhom fid-definizzjoni ta' "Attivita' Rilevanti" għall-fini ta'Artiklu 17, subartiklu (6) (a) tal-Kap. 365 Att Dwar Poteri Li Jsiru Regolamenti Fl-Interess Nazzjonali. Id-diskrezzjoni tal-Bord li jimponi multa kienet ibbażata fuq interpretazzjoni żbaljata ta' l-obbligi legali ta' resident agent;*

l. *Illi f'termini legali, dan kollu jfisser li tali deċiżjoni da parti tal-Bord hija egħmil amministrattiv li huwa null, invalidu u mingħajr effett;*

m. *Illi l-esponenti pprezentaw ittra ufficjali datat 26 ta'Awissu 2021 u li fiha l-esponenti wissew li d-decizjoni hija nulla, invalida u mingħajr effett, pero minkejja dan il-Bord sal-lum irrifjuta li jikkancella tali decizjoni;*

n. *L-egħmil amministrattiv tal-Bord konvenut ikkaġuna danni u għadu qiegħed jikkaġuna danni lill- esponenti;*

3. Għaldaqstant, ir-rikorrenti talbu lil din il-Qorti sabiex:

i. Tiddikjara u tiddeċiedi illi d-deċiżjoni illi ħa l-Bord ta' Sorveljanza dwar Sanzjonijiet fil-konfront tar-rikorrenti hija:

(i) Fl-ewwel lok, egħmil amminitrattiv *ultra vires* in kwantu l-Bord konvenut naqas milli josserva l-prinċipji tal-ġustizzja naturali fit-twettiq tal-imsemmi egħmil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-egħmil għall-finijiet ta l-artikolu 469A(1)(b)(ii) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta stante illi, fost affarijiet ohra, il-Bord ma informax lir-rikorrenti li kienu suġġetti ta' investigazzjoni li setgħet twassal għal multa fil-konfront tagħhom u ma ta l-ebda jedd lir-rikorrenti sabiex jinstema' qabel ma kkomunika d-deċiżjoni tegħu;

(ii) Fit-tieni lok, tali egħmil amministrattiv huwa *ultra vires* in kwantu jikkostitwixxi abbuż tas-setgħa tal-Bord konvenut billi dan l-egħmil huwa msejjes fuq kunsiderazzjonijiet mhux rilevanti u billi ma ġiex imsejjes fuq kunsiderazzjonijiet li huma rilevanti għal finijiet tal-artikolu 469A(1)(b)(iii) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta stante illi, l-Bord iddecieda li l-bastiment hija proprjeta' ta' Arkadiy Rotenberg meta m'hemmx provi f'dan is-sens kif ukoll ikkonkludiet li s-servizzi tal-esponenti kienu ta' attivita rilevanti skond ir-Regolamenti kontra Money

Laundering u Finanzjar ta’ Terroriżmu, meta dan m’huwiex minnu;

(iii) Fit-tielet lok, tali eghmil amministrattiv huwa *ultra vires* in kwantu li jmur kontra l-ligi għal finijiet tal-artikolu 469A(1)(b)(iv) peress li ma nħarġitx fil-konfront ta’ persuna naturali jew persuna guridika kif jinħtieg l-Artikolu 17(6) tal-Kap 365 (L-Att Dwar Poteri Li Jsiru Regolamenti fl-Interess Nazzjonali). Inoltre s-servizzi tal-esponenti ma kinux ta’ attivita’ rilevanti skond ir-Regolamenti kontra Money Laundering u Finanzjar ta’ Terroriżmu;

(iv) Fir-raba lok, tali għemil amministrattiv huwa null u invalidu peress jikser il-Kostituzzjoni, partikolarment l-Artikolu 39, ghal finijiet ta’ l-Artikolu 469A(1)(a) peress li ma ngħatax smiegħ xieraq u l-Bord eżercita id-diskrezzjoni tiegħu fejn ta id-deċizjoni ai termini ta’ l-Artikolu 19 tal-Kap 365 (L-Att Dwar Poteri Li Jsiru Regolamenti fl-Interess Nazzjonali) li minnu m’hemmx Appell;

ii. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-Bord konvenut huwa ħati u responsabbli għad-danni kollha ikkaġunati lill-esponenti konsegwenza tad-deċiżjoni tiegħu hawn impunjata, tillikwida tali danni u tikkundanna lill-Bord konvenut iħallas lill-esponenti d-danni hekk likwidati;

Bl-ispejjeż;

4. Permezz ta’ digriet mogħti nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta’ Settembru 2021, din il-Qorti appuntat il-kawża għas-smigħ għas-seduta ta’ nhar il-Ħamis, erbgħa (4) ta’ Novembru 2021, b’ordni għan-notifika tar-rikors lill-Bord konvenut, illi ngħata għoxrin (20) jum mid-data tan-notifika lilu tal-istess, sabiex jirrispondi skont il-liġi;

5. B’risposta ġuramentata datata disgħa u għoxrin (29) t’Ottubru 2021, il-**Bord konvenut** eċċepixxa:

*Fatti tal-każ kif magħrufa lill-Bord ta’ Sorveljanza Dwar Sanzjonijet*

a. *Illi fid-29 ta’ Settembru 2020, il-Bord ta’ Sorveljanza Dwar is-Sanzjonijiet bagħat ittra lil kumpanija Aegis Corporate Services Limited fuq l-indirizz eletroniku tagħha u fit-30 ta’ Settembru 2020 bagħat l-ittra lid-ditta tal-avukati ‘Mifsud & Mifsud Advocates’ fuq l-indirizz eletroniku tal-Avukat Cedric Mifsud, ir-rikorrenti, li huwa wieħed mis-soċji tal-istess ditta legali, sabiex jagħmlu s-sottomissjonijet tagħhom rigward ir-reġistrazzjoni tal-bastiment Rahil Bloemsma. Fl-ittra ġie spjegat li s-Sur Arkadiy Rotenberg huwa s-sid tal-bastiment u huwa milqut minn Sanzjonijiet tal-Unjoni Ewropeja taħt ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 tas-17 ta’ Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta’ azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina u għalhekk dan jaf ifisser li ma twettqux il-verifiki regolari skont l-artikolu 17(6) tal-Kapitolu 365 tal-Liġijiet ta’ Malta;*

b. *Illi fl-14 ta’ Ottubru 2020 permezz ta’ komunikazzjoni elettronika (email hawn annessa u mmarkata bħala ‘Dok BSS 1’), l-Avukat Cedric Mifsud annetta s-sottomissjonijiet bil-miktub ta’ Mifsud and Mifsud Advocates u Aegis Corporate Services Limited. Aegis Corporate Services Limited fis-sottomissjonijiet tagħhom spjegaw li tali kumpannija ma tatx servizzi lill-bastiment u lill-kumpanija propretarja tagħha, iżda kien l-Avukat Cedric Mifsud li pprovda dawn is-servizzi tramite entità oħra. Mifsud & Mifsud Advocates fis-sottomissjonijiet tagħhom informaw lill-Bord intimat illi s-servizzi lill-bastiment kienu provduti mid-ditta legali tagħhom. Huma spjegaw li ma kienux jafu li l-bastiment kien proprjeta’ tas-Sur Rotenberg għaliex il-kumpanija proprjetarja kienet Medexlite Limited u d-direttur Eleni Andronikou kienet avżathom li l-proprjetarju tal-Bastiment huwa s-Sur Aleksander Kozlov. Mifsud and Mifsud Advocates tennew li s-servizzi li huma pprovdew lill-bastiment ma*

*jeħtiġux verifiki regolari ai termini tal-artikolu 17(6) tal-Kapitolu 365 tal-Liġijiet ta' Malta;*

c. *Illi fil-15 ta' Marzu 2021 il-Bord intimat, wara li ħa in konsiderazzjoni s-sottomissjonijiet li saru fiż-żewġ ittri datati 13 ta' Ottubru 2020, bagħat id-deċiżjoni tiegħu fejn immulta lill-istess Mifsud & Mifsud Advocates is-somma ta' €800 talli falliet milli tadderixxi mal-obbligi mposti fl-artikolu 17(6) tal-Kapitolu 365 tal-Liġijiet ta' Malta;*

d. *Illi wara komunika tal-Bord intimat lil Transport Malta l-bastiment M/Y Rahil ma baqax reġistrat taħt il-bandiera Maltija fil-11 ta' Settembru 2020 (Traskrizzjoni tar-Reġistru hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok BSS 2') u fid-29 ta' Marzu 2021 ir-rikorrenti ħallsu l-multa mposta ta' €800 ( irċevuta datata 30 ta' Marzu 2021 hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok BSS 3').*

<u>*Eċċezzjonijiet Preliminari*</u>

e. *Illi in linea preliminari, l-esponent jeċċepixxi l-improponibbilità tal-kawża odjerna stante illi l-mertu tal-kawża istanti huwa eżawrit. Ir-rikorrenti ħallsu l-multa tal-valur €800 u fil-mument li r-rikorrenti ħallsu l- multa huma aċċettaw l-imposizzjoni tal-multa u għaldaqstant ma fadal xejn x'jiġi mistħarreg;*

f. *Illi in linea preliminari wkoll, l-esponenti jeċċepixxi li l-Bord intimat ma jaqax taħt id-definizzjoni ta' "awtorità pubblika" ai termini tal-artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Konsegwentament, l-għemil tal-Bord ma jistax jiġi mistħarreġ permezz ta' kawża msejsa fuq dan l-artikolu u għalhekk għandu minnufih jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju;*

*Eċċezzjonijiet fil-Mertu*

g. *Illi bla ħsara għal dak hawn fuq eċċepit, id-deċiżjoni meħuda mill-bord ma ngħatatx bi ksur tal-artikolu 469A(1)(a), (b)(ii), (b)(iii) u (b)(iv) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk it-talbiet tar-rikorrenti ma jistħoqqilhomx li jiġu milqugħa;*

h. *Illi l-ilment tar-rikorrenti taħt l-artikolu 469A(1)(b)(ii) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u ċioe' li l-Bord naqas milli josserva l-prinċipji tal-ġustizzja naturali huwa infondat fil-fatt u fid-dritt. Dan għaliex id-deċiżjoni ingħatat b'ħarsien tal-kunċett tal-audi alterem partem għaliex ir-rikorrenti ngħataw l-opportunità li jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom lill-Bord bil-miktub. Kif ġie sottolineat diversi drabi f'ġurisprudenza tal-Qrati nostrana, sottomissjonijiet bil-miktub huma suffiċjenti u m'hemmx bżonn ikunu bil-fomm (ara f'dan is-sens is-sentenza Gourmet Company Limited vs Avukat Ġenerali[1] deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta' Ġunju 2006 u s-sentenza A & J Ta' Miema Ltd vs Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud[2] deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fl-14 ta' Ottubru 2004);*

i. *Illi l-ilment tar-rikorrenti lanqas ma jista' jirnexxi taħt l-artikolu 469A(1)(b)(iii) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Kuntrarjament għal dak li qegħdin jgħidu r-rikorrenti, l-Avukat Cedric Mifsud tramite d-ditta legali Mifsud & Mifsud Advocates fil-fatt ipprovda servizzi lill-bastiment M/Y 'RAHIL' li huwa proprjetá tas-Sur Rotenburg. Dawn is-servizzi spiċċaw ġew provduti b'riżultat tan-nuqqas ta' diliġenza meħtieġa sabiex jiġu osservati s-sanzjonijiet imposti fuq is-Sur Rotenburg mill-Unjoni Ewropea. Dan l-aġir tar-rikorrenti in rappreżentanza tad-ditta legal tiegħu huwa bi ksur tal-obbligi mposti permezz tal-artikolu 17(6) tal-Kapitolu 365 tal-Liġijiet ta' Malta. Għaldaqstant il-multa ġiet imposta abbażi ta għanijiet xierqa u kunsiderazzjonijiet rilevanti;*

[1] Rikors Numru 58/2005
[2] Rikors Numru 12/2004

j. *Illi l-azzjoni tar-rikorrenti lanqas ma tista' tissokta taħt l-artikolu 469A(1)(b)(iv) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta stante li ma jirriżultax li d-deċiżjoni tal-Bord li qiegħda tiġi attakkata tmur kontra l-liġi għax inħarġet kontra ditta legali. L-artikolu 17(6) tal-Kapitoli 365 tal-Liġijiet ta' Malta ma jirreferix għal kontra min għanda tinħareġ deċiżjoni tal-Bord, kif qegħdin jallegaw ir-rikorrenti. Dan l-artikolu jirreferi għal min għandu l-obbligu li jivverifika l-elenki tan-Nazzjonijiet Magħquda, tal-Unjoni Ewropeja u tal-Bord u jissorvelja d-databases ta' klijenti u jwettaq kontrolli interni u proċeduri meħtieġa;*

*Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u dato ma non concesso, jekk din l-Onorabbli Qorti jidrilha li deċiżjoni tal-Bord għandha tinħareġ fil-konfront ta' persuna naturali jew persuna ġuridika, il-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Anthony Bugeja vs Carmelo Agius et*[3] *waslet għal konklużjoni li soċjeta' (civil partnership) hija persuna ġuridika. Din ġiet konfermata wkoll fil-kawża Helen Meli Attard pro et noe vs Pauline Cutajar et noe*[4] *mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ). Jiġi b'hekk li d-deċiżjoni tal-Bord ingħatat skont il-liġi għaliex din ingħatat fil-konfront tas-soċjeta' Mifsud & Mifsud Advocates li fil-fatt hija persuna ġuridika;*

k. *Illi in kwantu l-azzjoni tar-rikorrenti qiegħda tiġi bbażżata fuq l-artikolu 469A(1)(a) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, fejn l-istess rikorrenti qegħdin jallegaw li ma ngħatawx smigħ xieraq hekk kif protett mil-liġi taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, din ma tistax tintlaqa' għas-segwenti raġunijiet:*

   a) *Illi t-talba tar-rikorrenti m'hijiex proponibbli stante li r-rikorrenti qatt ma jistgħu jintavolaw kawża għal-stħarriġ ġudizzjarju ta' azzjoni amministrattiva u fl-istess nifs jitolbu li d-drittijiet fundamentali*

[3] Vol. LXXV. Ii 418 (1991)
[4] Deċiża fl-14 ta' April 1994

*tagħhom ġew leżi abbażi tal-artikoli tal-Kostituzzjoni ta' Malta u/jew tal-Konvenzjoni Ewropea;*

b) *Illi din l-Onorabbli Qorti m'għandiex ġurisdizzjoni biex tieħu konjizzjoni ta' u tiddeċiedi dwar ilmenti ta' allegat skur ta' drittijiet fundamentali (ara f'dan is-sens, is-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili deċiża fis-16 ta' Jannar 2018 fl-ismijiet Charles Cini vs Il-Prim Ministru et) stante li l-proċeduri odjerni mhumiex proċeduri istitwiti a tenur tal-artikolu 46 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 4 (1) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta;*

c) *Illi huwa paċifiku li f'azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju taħt l-artikolu 469A tal-Kapitolu 12, il-ksur li jista' jkun hemm taħt il-Kostituzzjoni ta' Malta ma jirriferix għal ksur ta' xi wieħed mid-drittijiet maħsuba fil-Kapitolu IV tal-istess, u ċioe' ksur ta' drittijiet fundamentali, imma għal xi ksur ta' xi dispożizzjoni oħra tal-istess Kostituzzjoni (ara f'dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet Christopher Hall vs Direttur tad-Dipartiment għall-Akkomodazzjoni Soċjali et, deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-18 ta' Settembru 2009);*

d) *Illi din il-Qorti kif vestita fil-Ġurisdizzjoni Ċivili tagħha għandha l-jedd se mai li tisma' lanjanza ta' natura dwar stħarriġ ġudizzjarju ta' azzjoni amministrattiva imma qatt ma tista' taqta' u tiddeċiedi illi xi drittijiet fundamentali ta' persuna ġew leżi stante illi din il-funzjoni tispetta bil-liġi lill-Qrati li għandhom funzjoni ta' natura Kostituzzjonali;*

*I. L-esponenti finalment jeċċepixxi n-nullità tar-rikors ġuramentat peress li fih kawżali u talbiet alternattivi li huma kontradittorji u kunfliġġenti (allegans contraria non est audiendus), liema talbiet irendu l-istess talbiet inammissibbli u dan stante illi r-rikorrenti qegħdin jitolbu stħarrig ġudizzjarju ta' għemil amministrattiv u fl-istess nifs qegħdin jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti tillikwida danni (da liquidarsi). Ir-rikorrenti infatti ma jagħtu l-ebda spjegazzjoni ta' x'inhuma d-danni li qegħdin jallegaw*

*li ġarrbu u wisq anqas jipprovaw jikkwantifikawhom. Ir-rikorrenti ma jispjegaw ebda ness ta' kawżalita' bejn l-aġir tal-esponenti u d-danni pretiżi minnhom. Fi kwalunkwe każ, ai termini tas-sub-inċiż (5) tal-artikolu 469A tal-Kapitolu 12, annullament ta' att amministrattiv kommess minn awtorita' pubblika ma jwassalx għal għoti ta' danni sakemm ma jiġix ippruvat illi l-awtorità pubblika aġixxiet in mala fede jew b'mod irraġjonevoli li fil-każ odjern ċertament m'huwiex il-każ;*

m. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ;*

*Ghaldaqstant l-esponent jadixxi lil dina l-Onorabbli Qorti tiċħad it-talbiet proposti mir-rikorrenti fir-rikors promotur in risposta in toto u dan bl-ispejjeż kollha kontra r-rikorrenti.*

**Il-Qorti**

6. Reġgħet rat ir-rikors ġuramentat tar-rikorrenti datat għaxra (10) ta' Settembru 2021 u d-dokumenti annessi miegħu, cioe: (a) ittra datata 29 ta' Settembru 2020 (**Dok A** a fol 7 tal-proċess); (b) ittra ta' Aegis Corporate Services Limited datata 13 ta' Ottubru 2020 (**Dok B** a fol 8 *et seq* tal-proċess); (c) ittra ta' Mifsud & Mifsud Advocates datata 13 ta' Ottubru 2020 (**Dok C** a fol 43 *et seq* tal-proċess); (d) dokumenti ta' Medexlite Limited (**Dok D** a fol 173 *et seq* tal-proċess); (e) ittra datata 15 ta' Marzu 2021 (**Dok E** a fol 212 tal-proċess);

7. Reġgħet rat ir-risposta ġuramentata tal-Bord konvenut datata disgħa u għoxrin (29) t'Ottubru 2021, u d-dokumenti annessi magħha, cioe: (a) *e-mail* datata 14 t'Ottubru 2020 (**Dok BSS1** a fol 224-225 tal-proċess); traskrizzjoni tar-Reġistru (**Dok BSS2** a fol 226 tal-proċess); u (c) irċevuta datata 30 ta' Marzu 2021 (**Dok BSS3** a fol 227 tal-proċess);

8. Rat illi, fuq qbil bejn il-partijiet illi l-ewwel għandhom jiġu sorvolati ż-żewġ eċċezzjonijiet ta' natura preliminari fir-risposta ġuramentata tal-Bord

konvenut, dawn l-eċċezzjonijiet ġew trattati mill-partijiet waqt is-seduta tat-tlettax (13) ta' Jannar 2022, u, permezz ta' sentenza *in parte* mogħtija waqt is-seduta tal-ħdax (11) ta' Marzu 2022[5], din il-Qorti **ċaħdet** l-istess eċċezzjonijiet preliminari;

9. Rat l-affidavit tar-rikorrent l-**Av Dr Cedric Mifsud** (a fol 270 *et seq* tal-proċess) u d-dokumenti annessi miegħu, kif ukoll id-dokumentazzjoni relatata mal-Bastiment M/Y Rahil (a fol 297 *et seq* tal-proċess);

10. Semgħet ix-xhieda *viva-voce* ta' **Michael Savona** in rappreżentanza ta' **Trasport Malta**, prodott mir-rikorrenti waqt is-seduta tal-ħamsa (5) ta' Mejju 2022[6], u rat id-dokument minnu esebit u mmarkat **Dok MS1** (a fol 313 tal-proċess);

11. Semgħet ix-xhieda *viva-voce* ta' **Neville Aquilina** qua Chairman tas-Sanctions Monitoring Board, prodott mir-rikorrenti waqt is-seduta tal-ħamsa (5) ta' Mejju 2022[7];

12. Semgħet ix-xhieda *viva-voce* ta' **Dr Maria Chiara Zappala'** in rappreżentanza tal-**Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja**, prodott mir-rikorrenti waqt is-seduta tat-tlieta u għoxrin (23) ta' Ġunju 2022[8];

13. Rat l-affidavit tal-**Avukat Dr Malcolm Mifsud** a fol 334-335 tal-proċess;

14. Semgħet ix-xhieda *viva-voce* tal-**Avukat Dr Cedric Mifsud** prodott mill-Bord konvenut in kontro-eżami waqt is-seduta tal-ħdax (11) ta' Novembru 2022[9];

15. Semgħet ix-xhieda *viva-voce* ta' **Dr Mariella Grech** qua Segretarja tal-Bord konvenut, prodott mill-Bord konvenut waqt is-seduta tal-ħdax (11) ta'

[5] A fol 254 *et seq* tal-proċess
[6] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 307 *et seq* tal-proċess
[7] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 314 *et seq* tal-proċess
[8] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 327 *et seq* tal-proċess
[9] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 346 *et seq* tal-proċess

Novembru 2022[10], u rat id-dokument minnha esebit u mmarkat **Dok MG1** a fol 359 *et seq* tal-proċess u **Dok MG2** a fol 364 *et seq* tal-proċess;

16. Semgħet ix-xhieda *viva-voce* ta' **Dr Maria Chiara Zappala'** in rappreżentanza tal-**Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja**, prodott mill-Bord konvenut in kontro-eżami waqt is-seduta tat-tlettax (13) ta' Jannar 2023;

17. Semgħet ix-xhieda *viva-voce* ta' **Michael Savona** in rappreżentanza ta' **Trasport Malta**, prodott mill-Bord konvenut in kontro-eżami waqt is-seduta tat-tlettax (13) ta' Jannar 2023;

18. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti datata sebgħa (7) ta' Marzu 2023;

19. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Bord konvenut datata tnejn (2) ta' Mejju 2023;

20. Rat illi l-partijiet qablu illi l-kawża tibqa' differita għas-seduta tal-lum għas-sentenza;

21. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet Legali**

22. Jiġi primarjament senjalat illi gialadarba l-eċċezzjoniijet preliminari sollevati mill-Bord konvenut fir-risposta tiegħu ġew sorvolati permezz ta' sentenza *in parte* mogħtija minn din il-Qorti stess nhar il-ħdax (11) ta' Marzu 2022, din id-deċiżjoni sejra tikkonsidra biss it-talbiet rikorrenti u l-eċċezzjonijiet fil-mertu;

[10] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 351 *et seq* tal-proċess

23. Huwa prinċipju ben risaput illi kawża għal stħarriġ ġudizzjarju ta' azzjoni amministrattiva m'hijiex ekwivalenti għal appell. Tispjega l-awtriċi **Barnett** fil-ktieb ***Constitutional and Administrative Law***[11]:

> *Judicial review must be distinguished from an appeal against a decision. The court and tribunal structure provides a more or less rational appeal structure for those aggrieved by a judicial decision. The appellate court will have the power to reconsider the case and to substitute its own decision for that of the lower court. An appeal may be made on both the law and the facts of the case, so that a full re-hearing may take place. Judicial review, by contrast, is concerned solely with the manner in which the decision maker has applied the relevant rules: it is thus procedural in nature. It is not for the court – in judicial review proceedings – to substitute its judgement for that of the decision-making body to which powers have been delegated, but, rather, to ensure that the adjudicator has kept within the rules laid down by statute and the comon law. In short, the role of the courts in judicial review is to exercise a supervisory, not an appellate, jurisdiction. Judicial review 'is not an appeal from a decision, but a review of the manner in which the decision was made'* [Per Lord Brightman in *Chief Constable of the North Wales Polices v Evans* (1982), p 1174].
>
> *[...]*
>
> *Differences also exist in the respective outcomes of appeal and judicial review. In the case of appeals, where the appeal is successful, it will usually result in a new*

[11] Barnett Hilaire, *Constitutional and Administrative Law* (10th Edn, Routledge, 2013) p. 568-569

*decision being substituted for the previous decision. In the case of review, a successful case will usually result in the previous decision being nullified – or quashed – but no new decision will be put in its place. Instead, the body in relation to which a successful application for judicial review has been made will be directed to redetermine the case according to the correct rules ad procedure, and it is by no means inevitable that the decision reached according to the lawful procedure will be more favourable to the individual than the original decision.*

24. Dan il-prinċipju ġie wkoll ritenut mill-Qrati Maltin f'deċiżjonijiet dwar kawżi ta' din ix-xorta. Hekk, per eżempju, din il-Qorti kif diversement preseduta, fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Halima Zbat vs Direttur taċ-Ċittadinanza u Expatriate Affairs***[12], irrilevat:

> *Jibda biex jiġi ribadit minn din il-Qorti, li bl-azzjoni kif proposta, din ma għandhiex ġurisdizzjoni li tagħti rimedji f'każ li it-talbiet jiġu [milqugħa]. Il-Qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni tissostitwixxi d-diskrezzjoni tal-awtorita' amministrattiva, iżda l-Artikolu 469A tal-Kap 12 jagħti biss il-poter lill-qrati jissindikaw il-validita' tal-egħmil amministrattiv u jekk ikun il-każ jiddikjaraw tali egħmil null, invalidu u bla effett. (Ara sentenza tat-30 ta' Marzu 2022 fl-ismijiet* **AE Francis Busuttil & Sons Limited vs Kontrollur tad-Dwana,** *Qorti tal-Appell [Superjuri].)*
>
> *Dan ifisser, li meta l-Qorti tissindika għemil amministrattiv, il-Qorti ma tidħolx fil-mertu jekk dan kienx tajjeb jew ħażin, imma tindaga biss jekk dan kienx skond il-liġi, jiġifieri jekk ġiex applikat fil-qafas tas-setgħat*

[12] Rik Nru 1121/2019, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ T Abela, 22 ta' Settembru 2022 (in ġudikat)

*mogħtija mil-liġi. Għalhekk l-istħarriġ ġudizzjarju huwa mezz fundamentali biex jaċċerta li l-awtoritajiet pubbliċi ma jaqbżux il-limiti tagħhom u tiġi rispettata s-saltna tad-dritt. Għalhekk, meta Qorti tiskrutinja għemil amministrattiv, hija tiddeċiedi biss jekk dak l-għemil għandux jitħassar jew le, iżda ma tbiddilx deċiżjoni meħuda mill-awtorita' pubblika li jkollha s-setgħa li tiddeċidiha.*

25. Għaldaqstant, il-mansjoni ta' din il-Qorti fil-kawża odjerna hija limitata għal indaġini dwar jekk id-deċiżjoni komunikata lis-soċjeta' rikorrenti permezz tal-ittra datata 15 ta' Marzu 2021[13] tikkostitwixxix għemil amministrattiv illi huwa *ultra vires* ai termini tal-Artikoli 469A(1) jew le, u mhux dwar il-mertu illi wassal sabiex tittieħed l-istess deċiżjoni;

26. Ir-raġunijiet illi fuqhom qed iserrħu l-kawża odjerna r-rikorrenti huma dawk stabbiliti fl-Artikolu 469A(1)(a), (b)(ii), (b)(iii) u (iv) u cioe,

*(a) meta l-egħmil amministrattiv jikser il-Kostituzzjoni;*

*(b) meta l-egħmil amministrattiv ikun ultra vires għal xi raġuni minn dawn li ġejjin:*

*[...]*

*(ii) meta l-awtorita' pubblika tkun naqset milli tosserva l-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew ħtiġiet proċedurali mandatorji fit-twettiq tal-egħmil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-egħmil; jew*

*(iii) meta l-egħmil amministrattiv jikkostitwixxi abbuż tas-setgħa tal-awtorita' pubblika billi dan isir għal għanijiet*

[13] Vide **Dok E** anness mar-rikors promotur, a fol 212 tal-proċess

*mhux xierqa jew jissejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti;*

*(iv) meta l-egħmil amministrattiv ikun imur mod ieħor kontra l-liġi.*

**A. <u>Sub-Inċiż (a)</u>: <u>Meta l-egħmil amministrattiv jikser il-Kostituzzjoni</u>**

27. Ir-rikorrenti jsostnu illi l-egħmil amministrattiv huwa null u invalidu għaliex jikser l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, peress illi ma ngħatax smigħ xieraq u l-Bord eżerċita d-diskrezzjoni tiegħu fejn ta d-deċiżjoni ai termini tal-Artikolu 19 tal-Kap 365 tal-Liġijiet ta' Malta illi minnu m'hemmx Appell;

28. Fis-sentenza ***Christopher Abela et vs Avukat Ġenerali*** suċitata[14], din il-Qorti kif diversement presjeduta, irrilevat:

*[...] Ix-xorta ta' ksur Kostituzzjonali li qed jirravisa l-artikolu 469A(1)(a) ma hux dak li jirrigwarda dritt fundamentali, iżda drittijiet oħra taċ-ċittadin li huma protetti mill-Kostituzzjoni li pero' ma jaqħux fil-kategorija tad-drittijiet elenkati f'Kapitolu 4 tal-Kostituzzjoni. Ma hiex ħaġa insolita li jingħata dan ix-xorta ta' dritt ta' natura kostituzzjonali, esklużi pero' mill-operazzjoni u eżerċizzju tiegħu, id-drittijiet fundamentali tal-bniedem, bħal ma huwa fil-każ ta' artiklu 116 tal-istess Kostituzzjoni.*

29. Hekk ukoll, fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Hussein Abdi Ismael vs Bord tal-Appelli dwar ir-Refuġjati et***[15], ġie ritenut:

---

[14] Rik Nru 1164/2012, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Toni Abela, 2 ta' Diċembru 2019 (in ġudikat)
[15] Rik Ġur Nru 37/2018, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Grazio Mercieca, 2 ta' Mejju 2019 (in ġudikat)

*Illi l-parti l-oħra tal-ewwel talba mhux amissibbli billi, skont kif stabbilit minn ġurisprudenza kostanti, l-Artiklu 469A(1)(a) jirreferi għal ksur tal-Kostituzzjoni li ma jkunx ksur tal-jeddijiet fundamentali.*

30. Il-Qrati nostrana serrħu b'mod kostanti d-deċiżjonijiet tagħhom fuq il-prinċipji enunċjati u kjarifikati mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet ***Christopher Hall vs Direttur tad-Dipartiment għall-Akkomodazzjoni Soċjali et***[16], u cioe:

> *[...][Din il-Qorti] hi tal-fehma li l-interpretazzjoni korretta li għandha tingħata lill-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) tal-imsemmi Artitkolu 469A hija dik mogħtija minn din il-Qorti (diversament komposta) fis-sentenza fl-ismijiet* ***Emanuel Ciantar vs Kummissarju tal-Pulizija****, deċiża fit-2 ta' Novembru 2001. F'din is-sentenza ta'* ***Ciantar****, din il-Qorti kienet esprimiet ruħha hekk:*
>
> > *"... ... (I)l-ġurisprudenza ta' din il-Qorti f'dawn l-aħħar snin ittantat tidentifika l-limiti tas-subinċiż (1)(a) ta' l-artikolu 469A fi sforz biex tiċċara sa fejn din id-disposizzjoni setgħet tkun in kontrast jew anke in konflitt mal-ġurisdizzjoni oriġinali mogħtija lill-istess Prim Awla tal-Qorti Ċivili fl-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni fir-rigward ta' rikors ta' kull persuna li tallega li xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 34 sa 45 magħdudin ta' l-istess Kostituzzjoni tkun ġiet jew tkun ser tiġi miksura. Kuntrast u konflitt li fil-fehma ta' din il-Qorti huma aktar apparenti milli reali.*

[16] Appell Ċivili Nru 1/2003/1, Qorti Kostituzzjonali, 18 ta' Settembru 2009

*Il-prinċipju kellu dejjem ikun illi l-kompetenza kostituzzjonali u l-kompetenza ċivili kellhom jibqgħu separati u distinti anke għaliex ir-rikors taħt kull kompetenza hu regolat bi proċeduri appositi b'finalita' ta' rimedju mhux dejjem identiku. Kif ġja' ġie rilevat f'ġudikati oħra, ir-rimedju taħt l-Artikolu 469A taħt ċerti aspetti kien wieħed limitat waqt li l-Qorti Kostituzzjonali ma kellha ebda limitu fl-għażla tar-rimedju xieraq li setgħet takkorda.*

*Kif aċċennat, l-egħmil amministrattiv jista' jikser il-Kostituzzjoni fir-rigward ta' ħafna jeddijiet tutelati fiha li ma humiex dawk protettivi tal-jeddijiet fundamentali. F'dawn il-każijiet kollha, is-subinċiż (1)(a) taħt eżami issib applikazzjoni immedjata. Fejn, mill-banda l-oħra, l-aġir amministrattiv ikun allegatament leżiv tal-jeddijiet fondamentali, id-domanda kellha tkun jekk l-allegata vjolazzjoni kenitx jew le koperta taħt il-liġi ordinarja ... ... Fejn dawn il-liġijiet jagħtu rimedju għal-leżjoni – u fost dawn il-liġijiet kellu jitqies l-artikolu 469A tal-Kap 12 – individwu kellu l-ewwel jirrikorri għar-rimedju ordinarju quddiem it-tribunali ordinarji qabel ma jirrikorri finalment għar-rimedju straordinarju quddiem il-Qorti Kostituzzjonali. ... ...*

*Tikkonkludi biss billi tinnota illi l-ġurisprudenza ta' din il-Qorti f'tentattiv biex tirrikonċilja dan l-inċiż (1)(a) ta' l-Artikolu 469A tal-Kap 12 u ta' l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni fejn si tratta ta' leżjonijiet tad-drittijiet fondamentali, jidher li jiffavorixxi interpretazzjoni bażata fuq l-*

> *effettivita' tar-rimedju fis-sens illi rikors kostituzzjonali kellu jkun aċċessibbli f'dawk il-każijiet fejn ir-rimedju effettiv għal leżjoni subita ma setax jingħata taħt l-artikolu 469A. Interpretazzjoni din mhux għal kollox linejari u ma kenitx nieqsa minn diffikolta' interpretattiva. Mill-banda l-oħra, ta' min ifakkar, illi jidher illi l-leġislatur oriġinarjament intenda li, bl-introduzzjoni ta' l-inċiż (1)(a) ta' dan l-artikolu, jintroduċi u jimponi terminu ta' dekadenza ta' sitt xhur li fih setgħet tiġi avanzata allegazzjoni ta' jeddijiet protetti bil-Kostituzzjoni, inklużi, forsi, wkoll dawk fondamentali, tant illi oriġinarjament l-inċiż (3) ta' dak l-artikolu kien japplika wkoll għall-inċiż (1)(a). Eventwalment u fortunatament wara kontestazzjoni, il-leġislatur ġie konvint jelimina dan il-perjodu preskrittiv in kwantu japplika għal egħmil amministrattiv li jikser il-Kostituzzjoni u dana bl-Att IV ta' l-1998. L-emenda pero' bl-ebda mod ma ċċarat il-konflitt apparenti bejn il-kompetenza ċivili u l-kompetenza kostituzzjonali."*

*Fi kliem ieħor – u din il-Qorti tittama li din il-kwistjoni issa tiġi risolta darba għal dejjem, cioe' anke għal każijiet futuri – l-appellanti (jew, qabilhom, l-awtur tagħhom) ma setgħux jiftħu kawża ordinarja għal stħarriġ ġudizzjarju taħt is-subartikolu 1(a) ta' l-Artikolu 469A tal-Kap 12, u jallegaw ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom protetti taħt il-Kostituzzjoni, għax dak is-subartikolu jirreferi għal ksur tal-Kostituzzjoni <u>minn egħmil amministrattiv li (i) ma jkunx jammonta għall-ksur, ossia allegat ksur, tad-drittijiet fundamentali kif protetti bl-Artikoli 33 sa 45 tal-istess</u>*

*<u>Kostituzzjoni, u li (ii) ai termini ta' l-istess Kostituzzjoni jkun jista' jiġi mistħarreġ mill-qrati ordinarji</u>. [...]*

31. Jirriżulta lil din il-Qorti illi l-ilment tar-rikorrenti huwa bbażat preċiżament fuq egħmil amministrattiv illi r-rikorrenti qed jallegaw illi kiser id-dritt tagħhom għal smigħ xieraq kif protett mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. Konsegwentement, għalhekk, b'applikazzjoni tal-prinċipji legali suesposti għall-fatti tal-każ odjern, din il-Qorti tikkonkludi illi l-ilmenti tar-rikorrenti ma jistgħux jiġu mistħarrġa minn din il-Qorti fil-kuntest tal-Artikolu 469A(1)(a), u dan stante illi huma marbuta ma' u bbażati fuq allegat ksur tal-jeddijiet fundamentali tagħhom;

32. Din il-Qorti sejra għalhekk **<u>tiċħad</u>** *in parte* l-ewwel talba rikorrenti in kwantu tagħmel referenza għall-Artikolu 469A(1)(a) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

**B. <u>Sub-inċiż (b)(ii)</u>: <u>Meta l-awtorita' pubblika tkun naqset milli tosserva l-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew ħtiġiet proċedurali mandatorji fit-twettiq tal-egħmil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-egħmil</u>**

33. Ir-rikorrenti jikkontendu illi qabel l-ittra tal-15 ta' Marzu 2021 fejn ir-rikorrenti ġew immultati tmien mitt Ewro (€800), il-Bord konvenut qatt ma għamel kuntatt u qatt ma nnotifika lir-rikorrenti li b'xi mod setgħu jiġu penalizzati. Huma jsostnu illi minkejja illi wara illi s-soċjeta' Aegis Corporate Services Limited irċeviet l-ittra datata 29 ta' Settembru 2020 ir-rikorrenti kitbu ittra datata 13 t'Ottubru 2020 in sostenn ta' dak li ġie dikjarat mill-istess soċjeta', dan m'għandux ifisser illi r-rikorrenti kienu kkunsidraw lilhom infushom soġġetti għal xi forma ta' investigazzjoni jew skrutinju dwar l-attivita' tagħhom, iżda kien jispetta lill-Bord konvenut illi, hekk kif ġie informat illi Aegis Corporate Services Limited ma kellhiex x'taqsam mal-bastiment, jinformaw lir-rikorrenti formalment illi kienu qed jiġu investigati;

34. Jirriżulta mill-atti illi:

(a) Permezz ta' ittra datata 29 ta' Settembru 2020 indirizzata lil Aegis Corporate Services Limited[17], il-Bord konvenut informa lis-soċjeta' Aegis illi kien sab xi nuqqas fil-proċedura adoperata mill-istess soċjeta għar-reġistrazzjoni tal-jott Rahil Bloemsma taħt il-bandiera Maltija, u filwaqt illi nforma lis-soċjeta' Aegis illi *"The above may indicate that Aegis Corporate Services Limited has processed the above application without conducting the necessary sanctions checks as required by Article 17(6) of the National Interest (Enabling Powers) Act"*, talabha tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha bil-miktub sa mhux aktar tard mis-16 t'Ottubru 2020;

(b) Is-soċjeta' Aegis Corporate Services Limited, illi hija soċjeta' estranea għall-proċeduri odjerni, għamlet is-sottomissjonijiet tagħha permezz ta' ittra datata 13 t'Ottubru 2020 indirizzata lill-Bord konvenut[18]. F'din l-ittra, is-soċjeta' Aegis Corporate Services Limited għamlitha ċara illi: *"Aegis Corporate Services Limited never onboarded the vessel or its owning company as a client. The vessel and the owning company are not listed as its clients and it never provided any services as is alleged in your letter. Dr Cedric Mifsud, who is a director and shareholder of the company, is listed as the resident agent of the vessel. He provided these services thorugh another entity. This however does not automatically mean that Aegis Corporate Services Limited is involved in any manner with this vessel."*

(c) Mill-banda l-oħra, ir-rikorrenti, <u>minn jeddhom</u>, għamlu sottomissjonijiet dwar l-allegazzjonijiet magħmula fl-ittra datata 29 ta' Settembru 2020 permezz ta' ittra separata fuq *letterhead* ta' *Mifsud & Mifsud Advocates* datata wkoll 13 t'Ottubru 2020[19]. F'din l-ittra bażikament indirizzaw dak illi ġie allegat mill-Bord konvenut fl-ittra indirizzata lil Aegis Corporate Services Limited, u ġie *inter alia* spjegat illi, *"The services to the vessel were provided by Mifsud & Mifsud Advocates, through the undersigned*

[17] Vide **Dok A** anness mar-rikors ġuramentat, a fol 7 tal-proċess
[18] Vide **Dok B** anness mar-rikors ġuramentat, a fol 8 *et seq* tal-proċess
[19] Vide **Dok C** anness mar-rikors ġuramentat, a fol 43 *et seq* tal-proċess

[cioe, Dr Cedric Mifsud] *in his capacity as Partner of the firm. The fact that the undersigned is a director and shareholder of Aegis Corporate Services does not automatically mean that the services were provided by this company."* Ma' din l-ittra ġew annessi numru ta' dokumenti sabiex jissostanzjaw is-sottomissjonijiet magħmula mir-rikorrenti, fosthom *invoice*[20] illi fiha kien hemm elenkati s-servizzi reżi mir-rikorrenti fil-konfront ta' Medexlite Ltd, illi hija s-soċjeta' illi r-rikorrenti jsostnu hija proprjetarja tal-jott in kwestjoni;

(d) Finalment, permezz ta' ittra datata 15 ta' Marzu 2021 indirizzata lid-ditta legali tar-rikorrenti, u cioe lil *Mifsud & Mifsud Advocates*[21], il-Bord konvenut informa lir-rikorrenti illi, b'referenza għas-sottomissjonijiet datati 13 t'Ottubru 2020 minn *Mifsud & Mifsud Advocates*, kienet qed tiġi imposta fuqhom multa ta' €800 fit-termini tal-Artikolu 19 tal-Kap 365 tal-Liġijiet ta' Malta;

35. Mistoqsi sabiex jispjega kif il-Bord wasal għall-konklużjoni illi kienet is-soċjeta' Aeges Corporate Services Limited illi pprestat is-servizzi lill-bastiment, ic-Chairman tal-Bord konvenut **Neville Aquilina** xehed[22]:

> *L-investigazzjonijiet tagħna kienu illi Aeges Corporate Services Limited u Dr Malcolm Mifsud bħala direttur tagħha li taw servizzi lil dan il-vapur, imbagħad inti sussegwentement għidtilna li mhix Aeges imma kont inti bħala Dr Cedric Mifsud li tajt is-servizz.*

Mistoqsi mbagħad sabiex jikkonferma min effettivament irriżulta lill-Bord konvenut illi kien ta s-servizz, l-istess xhud jgħid,

> *Inti kkonfermajtilna li inti Dr Cedric Mifsud fil-kapaċita' personali tiegħek, għandi ittra tiegħek hawnhekk, [...]*

[20] Annessa bħala **Dok A** mal-ittra mmarkata **Dok C**, a fol 49 tal-proċess
[21] Vide **Dok E** anness mar-rikors ġuramentat, a fol 212 tal-proċess
[22] Vide traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu waqt is-seduta tal-5 ta' Mejju 2022, a fol 317 tal-proċess

*thirteenth October u nista' naqrahielek: ... Were provided by Mifsud and Mifsud Advocates through the undersigned in his capacity as partner in the firm, jiġifieri Mifsud and Mifsud.*
*[...]*
*Ovvjament inti hawnhekk bgħattilna anke l-kontijiet, ir-request for payment, is-servizzi kollha li inti tajt, u dawn infakkar lill-Awla, jiġifieri jekk taqra inti artikolu sitta tal-Liġi taħgna, hija ċara, ma tistax tagħti riżorsi direttament jew indirettament lil sanctioned persons.*[23]

36. Din il-Qorti tinnota għalhekk illi filwaqt illi fil-każ tas-soċjeta' Aegis Corporate Services Limited il-Bord konvenut kien bagħat ittra illi fiha informa lis-soċjeta' Aegis illi kien qiegħed jivestigaha u talabha tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha, dan ma kienx il-każ fil-każ ta' *Mifsud & Mifsud Advocates*, iżda l-Bord konvenut jidher illi straħ unikament fuq is-sottomissjonijiet illi saru mir-rikorrenti minn jeddhom dwar investigazzjoni illi kienet tirrigwarda lil terza persuna, u qabad u impona l-multa fit-termini tal-Artikolu 19 tal-Kap 365 mingħajr ma bagħat pre-avviż bħalma għamel fil-każ tas-soċjeta' Aegis;

37. Filwaqt illi din il-Qorti tifhem illi dan il-pass jista' jkun illi ttieħed per fini t'effiċjenza, din il-Qorti ma tistax tasal taċċetta illi l-proċedura adoperata mill-Bord konvenut vis-a-vis r-rikorrenti (jew *Mifsud & Mifsud Advocates*) kienet il-proċedura ġusta. **Hilaire Barnett**, f'***Constitutional and Administrative Law***[24], tispjega:

*In **Council of Civil Services Unions v. Minister for the Civil Service** (1985), the House of Lords once again turned to the apparent differences in the concepts, Lord Roskill seemingly rejecting the phrase 'natural justice' in favour of the duty to 'act fairly'. Lord Roskill asserted that:*

[23] Ibid, a fol 319-320 tal-proċess
[24] Barnett H, op cit, p 631

*"The phrase [natural justice] might now be allowed to find a permanent resting place and be better replaced by speaking of a duty to act fairly. But the latter phrase must not in its turn be misunderstood or misused. It is not for the courts to determine whether a particular policy or particular decisions taken in fulfilment of that policy are fair. They are only concerned with the manner in which those decisions have been taken and the extent of the duty to act fairly will vary greatly from case to caes as indeed the decided cases since 1950 consistently show. [p 414]"*

*The principle of fairness can be clearly seen in the case of* ***Re HK (An Infant)*** *(1967), wherein it was held that , whilst immigration officers were not obliged to hold a hearing before deciding an immigrant's status, they were nevertheless under an obligation to act fairly. The duty to give a hearing will be higher if a 'legitimate expectation' has been created in the mind of the complainant by the public body concerned.*

*A legitimate expectation will arise in the mind of the complainant wherever he or she has been led to understand – by the words or actions of the decision maker – that certain procedures will be followed in reaching a decision. The complainant may have been led to believe for example, that there would be an oral hearing, or that he would be able to make formal representations. Where such expectations have been created, the decision maker is not free simply to ignore the procedures which have been indicated. Two*

*considerations apply to legitimate expectations. The first is where an individual or group has been led to believe that a certain procedure will apply. The second is where an individual or group relies upon a policy or guidelines which have previously governed an area of executive action.*

38. Fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti kif diversement presjeduta fl-ismijiet ***Paul Borg vs Awtorita' dwar it-Trasport Pubbliku***[25], il-Qorti rrilevat:

*Illi l-Qorti tqis li fost il-mezzi l-iżjed fundamentali biex jitħares il-jedd tal-audi et alteram partem wieħed jista' jsemmi kemm il-ħtieġa tal-pre-avviż u kif ukoll dik tas-sehem effettiv fil-proċess li jkun se jwassal għat-teħid tad-deċiżjoni amministrattiva. Dwar il-pre-avviż, ingħad li "Natural justice generally requires that persons liable to be directly affected by proposed administrative acts, decisions or proceedings be given adequate notice of what is proposed, so that they may be in a position: (a) to make representations on their own behalf; or (b) to appear at a hearing or inquiry (if one is to be held); and (c) effectively to prepare their own case and to answer the case (if any) they have to meet. ... In a large majority of the reported cases where breach of the audi alteram partem rule has been alleged, no notice whatsoever of the action taken or proposed to be taken was given to the person claiming to be aggrieved, and failure to give him proper notice was tantamount to a denial of an opportunity to be heard on that matter"* [Evans, *De Smith's Judicial Review of Administrative Action* (4th

[25] Ċit Nru 821/2008, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ J R Micallef, 21 ta' Mejju 2009 (konfermata mill-Qorti tal-Appell (Superjuri))

Edit), p 196]. *Fil-każ tal-lum, l-attur ma ngħata l-ebda pre-avviż, imma biss tagħrif dwar deċiżjoni li kienet ittieħdet diġa';*

*[...]*

*Illi bla ma ttawwal wisq fuq dan l-aspett, il-Qorti tagħmel tagħha l-ħsieb imfisser wisq tajjeb f'sentenza li ngħatat dan l-aħħar minn din l-istess Qorti (diversament presjeduta)* [P.A. JA 27.4.2009 fil-kawża fl-ismijiet ***David Gatt vs Il-Prim Ministru et*** (appellata)] *f'każ li wkoll kien jittratta l-ksur tal-prinċipju tal-audi et alteram partem, u b'mod partikolari fejn iċċitat silta li tgħid, "The principle that no one should be condemned or deprived of his rights without being heard, and above all without having received notice that his rights would be put at stake, is of a universal equity. Nothing less would be necessary than an express declaration of the legislature to put aside this requirement, which applies to all courts and to all bodies called upon to render a decision that might have the effect of annulling a right possessed by an individual"* [Fil-każ ***L'Alliance des Professeurs Cathliques de Montreal vs Labour Relations Board of Quebec*** (1943) li huwa meħud mid-*dictum* ta' Park L. J. fil-kawża ***Bonaker vs Evans*** (1850) 16 QB 162]. *[...];*

39. Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Superjuri) għall-appell intavolat mis-sentenza appena ċitata, ġie ċitat ukoll dak osservat minn **Wade & Forsyth** fil-ktieb ***Administrative Law***[26]:

*[...] a proper hearing must always include a 'fair opportunity' to those who are parties in the controversy*

[26] Wade H. W. R. & Forsyth C. F., *Administrative Law* (Oxford University Press, 10th Ed) p 428

*for correcting or contradicting anything prejudicial to their view. Lord Denning has added: "If the right to be heard is to be a real right which is worth anything, it must carry with it a real right in the accused man to know the case which is made against him. He must know what evidence has been given and what statements have been made affecting him: and then he must be given a fair opportunity to correct or contradict them." [...] Disclosure of the charge or of the opposing case must be made in reasonable time to allow the person affected to prepare his defence or his comments. He must have fair notice of any accusation against him, and this is commonly included in the right to a fair hearing by calling it the right 'to notice and hearing'.*

40. Huwa minnu illi r-rikorrenti għamlu sottomissjonijiet quddiem il-Bord konvenut permezz tal-ittra datata 13 t'Ottubru 2020 bil-*letterhead* ta' *Mifsud & Mifsud Advocates* rigward l-allegazzjonijiet magħmula fl-ittra tal-Bord konvenut datata 29 ta' Settembru 2020 u indirizzata lis-soċjeta' Aegis Corporate Services Limited, iżda dawn is-sottomissjonijiet ma setgħux jiġu awtomatikament meqjusa mill-Bord daqslikieku kienu sottomissjonijiet magħmula in segwitu ta' allegazzjonijiet magħmula fil-konfront ta' *Mifsud & Mifsud Advocates*. Il-Bord kellu l-ewwel javża lir-rikorrenti illi l-investigazzjoni kienet qed iddur fuqhom *qua* prestaturi ta' servizzi lill-bastiment, jagħti lir-rikorrenti l-possibilta' illi jagħmlu sottomissjonijiet mill-ġdid, u mbagħad jieħu deċiżjoni dwar jekk għandhiex tiġi imposta l-multa jew le a bażi tas-sottomissjonijiet sussegwentement magħmula. Dan irrispettivament mill-fatt illi s-sottomissjonijiet setgħu kienu se jkunu identiċi, u irrispettivament mill-fatt illi d-deċiżjoni aħħarija setgħet kienet se tkun l-istess. Infatti, hekk kif ġie ritenut minn **Lord Wright** fid-deċiżjoni

mogħtija mill-House of Lords fir-Renju Unit fl-ismijiet ***General Medical Council v. Spackman***[27]:

> *If the principles of natural justice are violated in respect of any decision, it is, indeed, immaterial whether the same decision would have been arrived at in the absence of the departure from the essential principles of justice. The decision must be declared to be no decision.*

41. Biss biss, il-fatt illi l-Bord konvenut kien ta pre-avviż u l-possibilta' illi tagħmel sottomissjonijiet tagħha s-soċjeta' Aegis Corporate Services Limited, kien ħoloq fir-rikorrenti l-aspettattiva leġittima illi, jekk kienu ser jiġu investigati mill-Bord konvenut, kienu ser jingħataw pre-avviż u l-possibilta' illi jagħmlu sottomissjonijiet ulterjuri. Dan b'mod partikolari tenut kont tal-fatt illi s-sottomissjonijiet magħmula mir-rikorrenti ma kinux qed jindirizzaw allegazzjonijiet magħmula fil-konfront tagħhom, iżda fil-konfront ta' soċjeta' terza, b'dana illi l-Bord konvenut aktar u aktar ma seta bl-ebda mod jassumi illi dawk kienu s-sottomissjonijiet kollha illi kellhom x'jagħmlu r-rikorrenti fir-rigward;

42. Għaldaqstant, fid-dawl tal-premess, din il-Qorti hija sodisfatta illi ġie pruvat illi d-deċiżjoni meħuda mill-Bord konvenut fil-konfront tar-rikorrenti kienet *ultra vires* fit-termini tal-Artikolu 469A(1)(b)(ii), u konsegwentement id-deċiżjoni tal-15 ta' Marzu 2021 meħuda fil-konfront tar-rikorrenti għandha titqies nulla, invalida u mingħajr effett.

## C. <u>Sub-inċiżi (b)(iii) u (iv)</u>

[27] (1943) AC 627, ċitata b'approvazzjoni f'Rik Nru 1101/07, ***Midi plc vs Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta et***, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ T Abela, 16 ta' Novembru 2017 (in ġudikat)

43. Gialadarba d-deċiżjoni tal-Bord konvenut ġiet dikjarata nulla u mingħajr effett fit-termini tal-Artikolu 469A(1)(b)(ii), din il-Qorti sejra tastjeni milli tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha f'dan ir-rigward.

**Talba għall-Ħlas tad-Danni**

44. Ir-rikorrenti talbu lil din il-Qorti tiddikjara u tiddeċiedi illi l-Bord konvenut huwa ħati u responsabbli għad-danni kollha kaġunati lir-rikorrenti per konsegwenza tad-deċiżjoni tiegħu, tillikwida tali danni u tikkundanna lill-Bord konvenut iħallas lir-rikorrenti d-danni hekk likwidati;

45. L-Artikolu 469A(5) jistabbilixxi illi:

> *F'azzjoni li ssir bis-saħħa ta' dan l-artikolu l-attur ikun jista' jinkludi fit-talbiet tiegħu talba għall-ħlas tad-danni li tkun imsejsa fuq ir-responsabbiltà allegata tal-awtorità pubblika li tkun għamlet delitt jew kważi delitt li joħroġ mill-att amministrattiv. Dawk id-danni ma għandhomx jingħataw mill-qorti meta minkejja l-annullament tal-att amministrattiv l-awtorità pubblika ma tkunx aġixxiet in mala fede jew b'mod mhux raġonevoli jew meta l-azzjoni mitluba mill-attur setgħet legalment u raġonevolment ġiet miċħuda taħt kull setgħa oħra.*

46. Spjegat il-Qorti tal-Appell (Superjuri) fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Mizzi Antiques Limited vs Iċ-Chairman tal-Malta Enterprise***[28]:

> *33. Din il-Qorti tqis, qabel xejn, li minn qari tad-dispożizzjonijiet tal-imsemmi artikolu, l-għoti ta' kumpens għad-danni f'azzjoni bħal din huwa effett sussidjarju u mhux obbligatorju ta' azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju. Dan*

[28] Ċit Nru 810/2004, Qorti tal-Appell (Superjuri), 31 ta' Jannar 2019

*joħroġ ukoll mill-kliem tad-dispożizzjoni tal-artikolu 469A(5) tal-Kap 12 li jitkellem dwar meta u f'liema ċirkostanza l-Qorti tista' tikkundanna lill-awtorità pubblika għall-ħlas tad-danni. Lanqas ma jista' jingħad li l-azzjoni għal danni minn persuna mġarrba minn xi deċiżjoni jew egħmil tal-amministrazzjoni pubblika tinstab bilfors bis-saħħa ta' u fi ħdan azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju taħt l-artikolu 469A* [App Ċiv 28.1.2005, ***Frank Pace et vs Kummissarju tal-Pulizija et***]*;*

*34. F'dan ir-rigward ingħad li "The absence of a right to damages on judicial review grounds has historically been justified principally on the basis that the purpose of the supervisory jurisdiction of the Administrative Court is not to compensate individuals but to act as a check on the exercise of the powers of public bodies. As noted by Lord Woolf in the 2005 ALBA annual lecture: "The justification for not giving damages for judicial review is that the proceedings are brought for the benefit of the public as a whole, good administration being for the benefit of the public as well as the individual applicant."* [Lord Woolf, *"Has the Human Rights Act made Judicial Review Redundant?"* Alba Annual Lecture, 23 November 2005] *However, like the Law Commission, and many members of the profession, Lord Woolf also questioned why the court should not also be empowered to award damages to an individual who has suffered loss as a result of maladministration. The theoretical distinction between a supervisory and compensatory jurisdiction is brought into stark contrast when the practicalities of awarding damages in judicial review proceedings are considered. The court is rightly wary of substituting its own decision for that of the public authority. The introduction of a damages remedy may,*

*however, undermine this approach, as the quantum of, if not entitlement to, damages is likely to be contingent upon the remaking of the impugned decision"* [Hogan Lovells, *"Damages in Judicial Review: The Commercial Context"* (2008)]*;*

*[...]*

*36. Id-danni li jintalbu taħt l-artikolu 469A(5) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta huma marbutin sfiq mar-responsabbiltà li ġġib fuqha l-awtorità pubblika bi twettiq ta' delitt jew kważi-delitt li joħroġ mill-egħmil amministrattiv impunjat. Huwa mgħallem li "(i)t is now clear that what might be called administrative torts are a subject of importance, and often of difficulty, in administrative law. .. the remedy of damages, which has always been an essential element in the protection of the citizen against public authorities, is already gaining greater prominence as a means of ensuring that powers are exercised responsibly, in good faith and with due care"* [HWR Wade & CF Forsyth, *Administrative Law* (9th Edn, 2004) p 560]*;*

*37. F'kull każ, l-għoti ta' kumpens taħt l-imsemmija dispożizzjoni tal-liġi titlob li qabel kollox ikun sar proċess ta' stħarriġ ġudizzjarju li jsib li l-egħmil amministrattiv ikun milqut b'xi nuqqas li jwassal għat-tħassir tiegħu* [App Ċiv 31.5.2013, ***Karmenu Mifsud vs Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta et***]*. Minbarra dan, il-bażi tal-ħsara trid tkun dik akwiljana mibnija fuq in-negliġenza jew id-dolo u ma jidhirx li tiġbor fiha l-ħlas ta' kumpens morali* [PA NC 22.12.2003, ***Denise Buttigieg vs Rettur ta' l-Universita' ta' Malta et*** (mhux appellata)]*. Dan jitlob ukoll li meta persuna titlob il-ħlas tal-kumpens għad-*

*danni mġarrba minħabba egħmil amministrattiv, jaqa' fuqha li turi bi provi tajbin biżżejjed x'ikunu d-danni li tkun ġarrbet. Din ir-regola ma hija xejn anqas minn dik mistennija f'azzjoni ordinarja ta' danni akwiljani;*

47. Dan premess, din il-Qorti tqis illi filwaqt illi r-rifużjoni tal-multa mħallsa mir-rikorrenti fl-ammont ta' €800 hija meritata, id-danni pretiżi mir-rikorrenti rappreżentanti *resident agent fees* minnhom sofferti minħabba l-azzjonijiet meħuda mill-Bord konvenut m'humiex. Dan stante illi din il-Qorti mhix tal-fehma illi l-Bord konvenut aġixxa *in mala fede*, u, għalkemm huwa minnu illi forsi d-deċiżjoni tal-Bord konvenut kienet xi ftit mgħaġġla, il-Qorti temmen illi din id-deċiżjoni ttieħdet bl-intiż illi l-Bord konvenut ikun effiċjenti f'xogħlu. In oltre, din il-Qorti tinnota wkoll illi l-ewwel darba illi r-rikorrenti jsemmu r-*resident agent fees* u l-ammont ta' elf Ewro (€1,000) fis-sena huwa fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom, u imkien mill-proċess ma jirriżulta dan l-ammont pruvat;

48. Għaldaqstant, din il-Qorti sejra tilqa' t-tieni talba rikorrenti,u dana billi tillikwida danni fl-ammont ta' tmien mitt Ewro (€800) rappreżentanti l-multa mħallsa mir-rikorrenti in adempjenza mal-istruzzjonijiet mogħtija fl-ittra deċiżorja tal-15 ta' Marzu 2021, u tordna lill-Bord konvenut iħallas id-danni hekk likwidati.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

(i) **<u>Tilqa' *in parte* l-ewwel talba rikorrenti</u>** u tiddikjara li d-deċiżjoni tal-Bord konvenut fil-konfront tar-rikorrenti riżultanti mill-ittra datata 15 ta' Marzu 2021 hija nulla, invalida u mingħajr effett a tenur tal-Artikolu 469A(1)(b)(ii) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt illi **<u>tiċħad</u>** l-ewwel talba rikorrenti in kwantu ssir referenza għall-Artikolu 469A(1)(a) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u **<u>tastjeni</u>** milli tieħu

konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel talba rikorrenti in kwantu ssir referenza għall-Artikoli 469A(1)(b)(iii) u (iv);

**(ii)** **<u>Tilqa' t-tieni talba rikorrenti</u>** u, filwaqt illi tillikwida danni kaġunati lir-rikorrenti fis-somma ta' tmien mitt Ewro (€800), tiddikjara u tiddeċiedi illi l-Bord konvenut huwa ħati u responsabbli għal dawn id-danni hekk likwidati, u tordna lill-Bord konvenut iħallas lir-rikorrenti l-istess danni;

**(iii)** **<u>Tiċħad</u>** l-eċċezzjonijiet tal-Bord konvenut in kwantu mhux kompatibbli ma' din is-sentenza.

Bl-ispejjeż ta' din il-kawża a karigu tal-Bord konvenut.

Moqrija.

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Karen Bonello**
**Deputat Reġistratur**